MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 141/1984/1

**Carmen mart Joseph Mugliette**

**vs**

**Victor Gauci, Alfred Gauci, Theresa sive Tessie armla ta' Joseph Aquilina u Antoinette mart John Grima u Dr. Franco Depasquale bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-imsiefra Anna mart John Borg**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni tal-attrici, fejn din wara li ppremettiet illi:

Fl-20 ta' Settembru 1974 mietet Mary mart Paul Gauci (document "A") u b'testmenti "unica charta" atti Nutar George Bonello Dupuis datat 27 ta' Gunju 1958 aggjunta ghall-istess atti Nutar John Micallef Trigona datat 14 ta' Settembru 1974 (Dok. B u C) innominat bhala eredi lis-sitt uliedha u cioe' Alfred, Victor, Carmen mart Joseph

Mugliette, Theresa sive Tessie armla ta’ Joseph Aquilina, Anna mart John Borg u Antoinette mart John Grima f’porzjoni ugwali bejniethom.
Sussegwentement u cioe’ fit-12 ta’ Novembru 1982 miet Paul Gauci u b’testment atti Nutar Marthese Pace datat 23 ta’ Settembru 1982 innomina bhala eredi tieghu lill-hamsa minn sitt uliedu u cioe’ Alfred, Victor, Theresa sive Tessie armla ta’ Joseph Aquilina, Anna mart John Borg u Antoinette mart John Grima f’kwoti ugwali bejniethom u halla lil bintu l-ohra Carmen mart Joseph Mugliette il-legittima dovuta lilha skond il-ligi.

Ghalkemm saru diversi tentattivi sabiex issehh d-divizjonji bejn il-kontendenti pero’ inutilment.

L-attrici ma tridx tkompli tipposjedi mal-kontendenti l-ohra sehma mill-ereditajiet tal-genituri taghha.

L-attrici irrendiet servigi lill-missierha tul hajtu u senjament wara l-mewt ta’ ommhom, l-imsemmija Mary mart Paul Gauci kif jirrizulta ahjar waqt t-trattazzjoni tal-kawza u liema servigi ma gewx michuda mill-konvenuti.

Ghalkemm interpellati sabiex jigu likwidati l-istess servigi favur l-attrici u biex l-istess konvenuti jersqu ghad-divizjoni tal-beni tal-genituri taghhom.

Talbu ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tillikwida l-beni konjugali ezistenti bejn Paul Gauci u martu Mary Gauci billi jigi dikjarat li jikkonsistu fil-beni u sostanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza u f’dawk il-beni parafernali rizultanti ukoll waqt t-trattazzjoni tal-kawza.

2. Ghaliex dawn il-beni hekk likwidati m’ghandhomx jigu divizi f’zewg porzjonijiet ugwali u assenjati porzjon kull wiehed lill-assi ereditarji tal-istess Paul Gauci u lill-assi tal-imsemmija Mary Gauci.

3. Ghaliex l-assi ereditarji tal-imsemmija Mary mart l-istess Paul Gauci hekk likwidati skond il-paragrafi

precedenti m'ghandhomx jigu divizi f'sitt porzjonijiet ugwali u assenjati porzjon kull wiehed cioe' wiehed minn kull tnax (1/12) bejniethom lill-attrici Carmen mart Joseph Mugliette u lill-konvenuti Alfred, Victor, Theresa sive Tessie armla ta' Joseph Aquilina, Antoinette Grima u kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-imsiefra Anna mart John Borg.

4. Ghaliex m'ghandhiex tigi likwidata u assenjata lill-attrici l-porzjoni rizervata lilha fil-ligi bhala legittima mill-assi ereditarji ta' missierha l-imsemmi Paul Gauci kif likwidat.

5. Ghaliex m'ghandux jigi likwidat l-ammont dovut bhala kumpens xieraq ghas-servigi, kuri u assistenzi resi mill-attrici lill-istess Paul Gauci kif rizultanti ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

6. Ghaliex il-konvenuti, fil-kwalita' premessa m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu sehemhom mill-ammont hekk likwidat lill-attrici.

7. Ghaliex m'ghandux jigi nominat Nutar biex jippubblika l-att opportun tal-imsemmija likwidazzjoni u divizjoni u assenjazzjoni komprendenti l-legittima spettanti lill-attrici u kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att, fil-jum, hin u lok li jigu stabbiliti minn dina l-Qorti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Franco Depasquale fejn dan eccepixxa illi:

1. L-eccipjent ma jopponix ruhu ghad-divizjoni mitluba fic-citazzjoni.

2. Dwar ic-cirkostanzi tas-servigi u il-konsistenza tal-assi relattivi, l-eccipjent mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri meta jikkomunika mal-assenti mart John Borg.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Victor Gauci, Alfred Gauci, Theresa sive Tessie armla ta' Joseph Aquilina u Antoinette mart John Grima, fejn dawn eccepew illi:

1. It-talbiet attrici rigwardanti is-servigi allegatament rezi mill-attrici u senjatament fil-hames u sitt talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hi daret b'missierha bhal ma ghamlu ulied ohra u qatt ma kien intiz ebda rikompens u mhux dovut ebda kumpens skond il-ligi.

2. Huma ma jopponux ruhhom ghat-talbiet l-ohra rigwardanti l-likwidazzjoni u divizjoni u assenjazzjoni tal-assi relattivi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Il-Qorti tibda biex tinnota li l-process originali tal-kawza odjerna, mibdija fl-1984, qatt ma kien a dispozizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta u lanqas a dispozizzjoni tal-Qorti kif presjeduta qabel illum. Il-Qorti tinnota li l-kawza ilha differita ghas-sentenza mill-anqas mill-1996 u l-Qorti waslet ghall-possibilita' li tiddeciedi llum wara snin ta' attentati ta' rikostruzzjoni tal-process. L-atti kollha ezistenti fil-process illum huma kopji li gew minghand il-partijiet.

Il-partijiet f'din il-kawza huma ahwa ulied Paul u Mary Gauci. Mary Gauci istitwiet bhala eredi taghha lis-sitt uliedha fi kwoti ndaqs bejniethom Paul Gauci halla bhala eredi tieghu lil hames uliedu u lill-attrici hallielha l-legittima dovuta lilha skond il-ligi. L-attrici qed titlob divizjoni tal-wirt tal-genituri kif ukoll kumpens ghal servigi rezi lil missierha.

Il-Qorti tinnota li l-proprjetajiet tal-konjugi kollha nbieghu u ghalhekk is-sehem li jispetta lill-attrici ghandu jithallas fi flus.

Il-Qorti qieset bir-reqqa r-rapport imhejji mill-Perit Legali u tiddikjara mal-ewwel illi l-komputazzjoni ta' sehem l-attrici mill-assi ta' ommha hija zbaljata. Il-komputazzjoni saret a bazi tad-denunzja li saret wara l-mewt tal-omm u allura l-ammont kien ga kalkolat bhala nofs l-ammont tal-komunjoni. Minn sehem l-omm kalkolat hekk, allura, l-

attrici kienet dovuta wiehed minn sitta u mhux wiehed minn tnax kif fil-fatt ikkalkola l-Perit. Ghaldaqstant, l-ammont spettanti lill-attrici huwa ta’ Lm2,613.14.

Ghar-rigward ta’ sehem l-attrici mill-assi tal-missier, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali u taghmel referenza ghall-Art. 616 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:

“Is-sehem rizervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iz-zwieg jew imnissla jew imwielda barra miz-zwieg jew adottati, ghandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux izjed minn erba’ fl-ghadd jew nofs ta’ dak il-valur jekk ikunu hamsa jew izjed.”

Kif ukoll ghall-Art. 620 tal-istess Kap. li jipprovdi illi:

“620 (2) - Is-sehem rizervat jigi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun ta’ l-assi u l-ispejjez tal-funerali.”

Ghaldaqstant, sehem l-attrici mill-assi ta’ Paul Gauci jammonta ghal Lm1,548.27 kif sewwa kalkolat mill-Perit Legali.

L-attrici qed titlob ukoll, permezz ta’ din il-kawza, kumpens ghas-servigi rezi lil missierha. Il-Qorti hawnhekk tinnota li l-Perit Legali li kellu l-okkazjoni jisma lix-xhieda viva voce u ghalhekk jevalwa l-kredibilita’ tal-istess, wasal ghall-konkluzjoni li l-attrici verament irrendiet servigi lill-missierha u ghalhekk ghadda ghal-likwidazzjoni taghhom. Il-Qorti, wara li ezaminat il-verbali tas-seduti ghad-dispozizzjoni taghha ma thossx li ghandha ebda raguni li tvarja l-konkluzjoni tal-Perit Legali.

Il-Qorti tirreferi hawnhekk ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati riprodott fil-kawza “Carmelina Vella vs Carmelo Vella (Vol. XL/PII Page 796):

“Illi fil-kawza Lina sive Carmelina Vella vs Carmelo Vella et (Vol. XL/PII Page 796) ntqal li “meta fir-relazzjonijiet socjali bejn il-persuna servuta u dik li tkun tat is-servigi”

taghha jintercedu rapporti ta’ familja jew ta’ affinita’, il-prezunzjoni “juris tantum” li l-istess opera tkun giet moghtija “pietatis vel familiaritatis causa” “prima facie” tinnewtralizza r-retribuzzjoni ta’ l-istess servigi ... omissis ... dina r-regola mhix ta’ karattru assolut, u l-applikazzjoni finali u definittiva taghha fis-soluzzjoni ta’ kaz tiddependi mic-cirkostanzi tal-kawza li tkun qeghda tigi agita fuq l-emergenza tal-provi u fid-dawl u l-isfond taz-zminijiet ... omissis ... il-gurisprudenza moderna fl-applikazzjoni prattika ... uriet tendenzi aktar, u forsi wisq liberali, fis-sens li anteponiet il-principju “omnis labor optat praemium” ghall-principju tan-non-gratuwita tas-servigi bejn persuni tal-familja....”

Il-Qorti tinnota illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti jsemmu li l-attrici naqset milli ssemmi li missierha kien ghaddielha appartament b’donazzjoni. Il-Qorti tirrimarka li jirrizulta li hu ghamel hekk ma’ l-ulied kollha u dan ghalhekk m’ghandux jigi kkunsidrat bhala l-kumpens mistenni ghas-servigi reza.

Il-Perit Legali jikkalkola l-kumpens fuq bazi ta’ Lm3 kuljum. Il-Qorti ma ssib ebda raguni biex tvarja l-ammont hekk kalkolat mill-abbli Perit, u ghalkemm illum tlett Liri kuljum huma irrisorji, fil-mument meta nghataw is-servigi kienu ammont ragjonevoli.

Ghalhekk l-ammont ta’ Lm762 bhala kumpens ghas-servigi rezi huwa gustifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma komplessiva ta’ €11,468.46, ekwivalenti ghal Lm4,923.41, bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------